**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalità 2017 li saret nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2017 fis-6 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi u spiċċat fis-7:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Membri tal-Pubbliku Preżenti:**

Il-formola tal-attendenza tinsab annessa ma' dawn l-istess Minuti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4.1 QARI TAL-MINUTI

4.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalità 2016 ġew moqrija.

4.1.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona filwaqt li l-Viċi Sinkdu Charles Zerafa ssekonda.

4.1.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 4.2 RAPPORT ANNWALI MIS-SINDKU

4.2.1 Matul l-2016, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi embarka fuq diversi xogħolijiet u inizjattivi għall-benefiċċju tal-konunita' Qrendija u l-kostitwenti tagħha.

4.2.2 **Asfaltar ta' Toroq**

4.2.2.1 Fis-sena 2016 il-Kunsill Lokali, mill-fondi tiegħu stess, lesta Triq il-15 t'Awwissu, filwaqt li permezz ta' fondi ta' Transport Malta saru wkoll Triq il-Puniċi u l-parti li kien fadal issir ta' Triq is-Siġġiewi.

4.2.3 **ATM fil-Qrendi**

4.2.3.1 L-2016 rat lill-Kunsill Lokali jagħmel żvilupp interessanti fejn għandha x'taqsam l-ATM fil-lokalita' tagħna. Matul din is-sena l-bank BOV aċċetta li jinstalla ATM fil-Qrendi, filwaqt li l-Kunsill Lokali prepara l-pjanti kollha meħtieġa u għaddihom lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Wara diskussjoni twila, il-Kunsill Lokali flimkien mal-Bank BOV iddeċidew li l-aħjar lok għal din l-ATM ikun eżatt wara l-Monument tal-Gwerra, fi Triq Ġuże' Cassar. Fl-aħħar stadji tal-applikazzjoni ltqajna m'intopp, minħabba li l-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar iddeċieda li l-ATM

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

għandha tiġi mċaqalqa minħabba li fejn kienet ġejja huwa *green area* u allura xtaqu li din timxi aktar lura fl-istess triq.

4.2.3.2 Il-Kunsill Lokali ma tilef l-ebda ċans sabiex jirranġa l-applikazzjoni tiegħu sabiex din tkun tista' tiġi aċċettata, u l-Kunsill Lokali jibqa' kommess li malli jinħareġ il-permess, il-kmajra sabiex titpoġġa l-ATM fiha tibda tinbena minnufih.

4.2.4 **L-Edukazzjoni u l-Librerija Pubblika**

4.2.4.1 Matul l-2016 il-Kunsill Lokali reġa' ibbenefika minn fondi provduti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikompli jsaħħaħ il-Librerija Pubblika u sussegwentament isaħħaħ l-edukazzjoni fil-lokal. Permezz ta' skema maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ibbenefika s-somma ta' €600, filwaqt li min-naħa tiegħu ħareġ €600, għal somma totali ta' €1,200. Permezz ta' dawn il-flus inxtraw diversi kotba ġodda għal-librerija pubblika filwaqt li sar ukoll xkaffar ġdid sabiex il-librerija tibqa' tiġi attrezzata. Barra minn hekk, matul din is-sena kellna wkoll għajnuna mingħand il-fondazzjoni Inspire li provdew numru ieħor sabiħ ta' kotba għal-librerija tagħna.

4.2.4.2 B'inizjattiva oħra, din id-darba permezz tat-Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Kunsill Lokali ibbenefika minn skema li permezz tagħha ingħata €1,000 bħala għajnuna sabiex jinxtara u jiġi installat *interactive whiteboard* fis-sala tal-Kunsill Lokali fejn isiru diversi korsijiet. Min-naħa tiegħu l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed joħroġ is-somma ta' €800 minħabba li dan l-*interactive whiteboard* ġej jiswa b'kollox €1,800. Dan ifisser li matul l-2016, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi għamel nefqa ta' €3,000 b'risq l-edukazzjoni fil-lokalita' tagħna.

4.2.4.3 Inizjattiva oħra li saret matul is-sena 2016 hija dik tal-*Collective Memory Archives*. Il-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-Kulleġġ San Benedittu u l-*Alternative Learning Programme*, ħadmu fuq dan il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

proġett pilota fejn l-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Kulleġġ San Benedittu tal-Qrendi intervistaw diversi persuni mdaħħlin fl-eta', u dawn l-intervisti ġew iffiljmati mill-istudenti tal-ALP. Il-persuni kollha intervistati kienu mill-Qrendi u huma tkellmu dwar l-esperjenzi passati tagħhom fil-mestier li kienu jaħdmu fih.

4.2.5 **<u>It-Tisbiħ tar-*Roundabout* Prinċipali tal-Qrendi</u>**

4.2.5.1 Matul din il-leġiżlatura, il-Kunsill Lokali kien ilu xhur sħaħ jevalwa u jara kif jista' jsir tisbiħ tar-*roundabout* prinċipali tal-lokalita', eżattament int u dieħel fil-Qrendi mid-direzzjoni tal-Imqabba. Bl-għajnuna tal-*Environmental Landscapes Consortium Ltd. (ELC)* u l-*Malta Embellishment Landscaping Project (MELP)*, din ir-*roundabout* ġiet imsebbħa u tat aktar identita' lil-lokalita' tal-Qrendi. It-tema magħżula kienet dik tat-tempji preistoriċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, liema tempji jinsabu fil-konfini ta' raħalna.

4.2.5.2 Ix-xogħolijiet ma nkludewx biss it-tisbiħ tar-*roundabout*, imma sar xogħol siewi ħafna f'għalqa żgħira maġenb l-istess *roundabout*, fejn hemmhekk tħaffret ġiebja sabiex tilqa' fiha l-ilma tax-xita u dan ħalli ssir it-tisqija permezz tad-*drip irrigation*. L-ispejjeż ta' din ir-*roundabout* kollha tħallsu mill-Gvern Ċentrali, minbarra spejjeż li kienu relatati mal-permessi ġodda sabiex isir servizz ġdid tad-dawl għal din iż-żona.

4.2.6 **<u>Tisbiħ Ieħor</u>**

4.2.6.1 Żgur illi huma ħafna dawk li jgħaddu minn Triq it-Tempesta, il-*bypass* tal-Qrendi. Hemmhekk wieħed jista' jara aspett interessanti tal-passat, fejn kantuniera ma' Triq Ħal Lew insibu dak li kien parti minn 'maqjel', li l-Kunsill Lokali xtaqt jippreserva. Għalhekk, il-Kunsill Lokali ħaseb sabiex isir it-tisbiħ meħtieġ f'din iż-żona, fejn wara li sar restawr tal-istruttura kollha, saret ukoll bankina, flimkien ma' bir li kien mogħti lill-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Kunsill Lokali sabiex ikompli jsebbaħ il-madwar. Barra minn hekk ġew installati żewġ bankijiet sabiex min irid ikun jista' jistrieħ ftit fuqhom.

4.2.6.2 Xogħol ieħor ta' tisbiħ sar fil-Ġnien tal-Kmand, fil-kamra tal-ħaddiema li hemm f'dan il-Ġnien. Din il-kamra kellha bżonn dawra sewwa u l-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li jibqa' jieħu ħsieb dan il-Ġnien b'ħidma sfiqa u b'attenzjoni kbira. Permezz ta' dan kollu l-Kunsill Lokali qiegħed jara kif jista' jibqa' jippromwovi l-lokalita' fuq il-midja.

4.2.7 **<u>Il-Bini taċ-Ċentru Amministrattiv il-Ġdid</u>**

4.2.7.1 Fl-2016 il-Kunsill Lokali kellu żvilupp importanti ħafna fejn għandu x'jaqsam il-bini taċ-Ċentru Amministrattiv il-ġdid. Dan wara li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali beda jagħtina l-għajnuna sabiex dan il-proġett ikun jista' jsir realta'. Ix-xogħolijiet huma mistennija li jibdew fl-2017, liema xogħolijiet se jkunu jinkludi l-bini taċ-Ċentru Amministrattiv, kif ukoll tal-*playingfield* li tinsab fi Ġnien Nicolò Communet. Ix-xogħol se jinbeda ġaladarba jkollna l-permessi kollha mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll jiġu aġġudikati t-tenders. Permess tal-iskema tal-Proġetti Kapitali, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jibbenefika minn €300,000 għajnuna mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, filwaqt li se jkun qiegħed joħroġ madar €200,000 mill-fondi tiegħu sabiex dan il-proġett ħolistiku jitlesta'.

4.2.8 **<u>Il-Festival Agrarju tal-Patata</u>**

4.2.8.1 Il-Festival Agrarju tal-Patata kompla jikber fil-popolarita' tiegħu matul l-2017, fejn apparti l-popolarita' fuq bażi lokali u nazzjonali, issa jidher li qiegħed jieħu isem fix-xena internazzjonali. Dan deher ċar fl-attendenza kbira li kellna fil-Festival 2016, fejn apparti n-nies Maltin li attendew, kien hemm ukoll xi turisti, kif ukoll rappreżentanti mill-belt ta' Leeuwarden fl-Olanda, li ġew hawnhekk b'rabta mas-sena 2018, is-sena li fiha kemm il-Belt Kapitali tagħna u anke l-belt ta' Leeuwarden,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

se jkunu Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura'. Barra minn dan, matul l-2016 bdejna wkoll taħdidiet mar-raħal ta' Comber, fl-Irlanda ta' Fuq, sabiex naraw kif nistgħu nipproċedu fuq koperazzjoni mill-qrib bejnietna minħabba li f'dan ir-raħal ukoll isir Festival tal-Patata.

4.2.9 **Promozzjoni tal-Lokal**

4.2.9.1 Fis-sena 2016 nistgħu ngħidu li r-raħal tal-Qrendi kien fuq il-mezzi kollha tal-midja u komunikazzjoni, kemm mill-aspett viżiv u anke mill-aspett printjat. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri u anke rappreżentanti oħra tal-Kunsill Lokali attendew għal diversi programmi b'temi kulturali, ambjentali u anke ta' patrimonju.

4.2.9.2 Fl-istess sena saret ukoll rinovazzjoni sħiħa tal-paġna elettronika tal-Kunsill Lokali, fejn student mill-MCAST ħa ħsieb li jibni din il-websajt mill-ġdid, fejn issa għandna sit li huwa kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, u dan sabiex il-Kunsill Lokali jkun aktar qrib tar-residenti Qrendin u nies oħra li jagħżlu li jidħlu fil-websajt uffiċjali tal-Kunsill Lokali.

4.2.10 **Harġiet Kulturali u Edukattivi**

4.2.10.1 Matul is-sena l-Kunsill Lokali organizza diversi ħarġiet kulturali u edukattivi li għalihom attendew numru sabiħ ta' nies. Permezz ta' dawn l-attivitajiet il-Kunsill Lokali dejjem joħloq opportunitajiet sabiex nies li forsi huma mdaħħla aktar fl-eta' ikollhom iċ-ċans li jiltaqgħu flimkien u li jieħdu gost f'ħarġiet li minnhom ikunu jistgħu jitgħallmu wkoll. Żgur li wieħed ma jistax ma jsemmix il-ħarġiet kulturali fil-gżira Għawdxija kif ukoll il-ġurnata Sqallija li l-Kunsill Lokali beda jorganizza f'dawn l-aħħar snin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

### 4.2.11 Iż-Żamma tal-Indafa fil-Lokal

4.2.11.1 Minħabba ż-żieda qawwija li kellna fil-ġbir tal-iskart riċiklat u l-iskart goff, il-Kunsill Lokali kompla jieħu ħsieb it-tindif tal-lokalita'. Fil-fatt, is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff qiegħed isir darbtejn fil-ġimgħa, il-Ħamis u s-Sibt, filwaqt li l-knis tat-toroq tal-lokal qiegħed ikun imfaħħar kemm min-nies tal-Qrendi kif ukoll minn dawk li jżuru r-raħal tagħna.

4.2.11.2 Il-kuntratturi li għandhom x'jaqsmu mal-indafa tal-lokal qegħdin jaħdmu id f'id mal-Kunsill Lokali sabiex il-Qrendi jibqa' wieħed mill-aktar irħula nodfa ta' pajjiżna, aspett li niftaħru bih għax huwa parti minn dak li jagħmel il-Qrendi dak li hu.

## 4.3 RAPPORT FINANZJARJU MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

4.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq ir-rapport finanzjarju fejn fih elenka kif tqassam il-baġit għas-sena 2017 u kif il-Kunsill Lokali mar fis-sena 2016.

4.3.2 Is-sena 2016 kienet waħda ta' impenn u ħidma qawwija għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Fil-baġit tas-sena 2016, il-Kunsill Lokali kien qiegħed jipproġetta li se jibqa' b'bilanċ ta' €5,434, imma fil-verita' l-Kunsill Lokali baqa' b'bilanċ ta' madwar €24,000. Dan kien dovut mill-attenzjoni kbira li żamm il-Kunsill Lokali fuq in-nefqa tiegħu, meta wieħed jikkunsidra li suppost, matul l-2017 għandu jibda l-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid. Fil-fatt, f'dan ir-rapport, qiegħed jiġi eskluż l-ammont ta' €75,000 li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali diġa' għadda lill-Kunsill Lokali bħala parti mill-għajnuna sabiex ikun jista' jibda l-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid.

4.3.3 Matul l-2016 il-Kunsill Lokali bbenefika minn diversi skemi li fl-aħħar mill-aħħar ħallew il-frott tagħhom u għaldaqstant komplejna naħdmu bil-għaqal għall-ġid tar-residenti meta xorta waħda saru diversi proġetti ta' fejda u li kienu bżonnjużi ħafna, imma l-baġit ippreparat mill-Kunsill

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali għas-sena 2016, mhux biss inżamm imma morna aħjar milli konna qegħdin nipproġettaw.

4.3.4

Jekk nagħtu ħarsa lejn il-baġit tas-sena 2017 wieħed jista' jinnota li mill-allokazzjoni finanzjarja, l-Kunsill Lokali se jirċievi s-somma ta' €355,822.52, jiġifieri ftit aktar minn €21,000 aktar mill-allokazzjoni li rċevejna matul is-sena 2016. Barra din l-allokazzjoni l-Kunsill Lokali qiegħed jipproġetta li jdaħħal ammonti oħra ta' flus kif ġej:

- **Permessi/Avviżi u LESA** - €19,000
- ***UIF Funds*** - €500
- **Fondi mir-Reġjun tan-Nofsinhar** - €4,000
- **Skema Libreriji** - €600
- **Skema Attivita' Kulturali** - €6,000
- **Skema Proġetti Kapitali** - €75,000

Dan kollu jammonta għal dħul addizzjonali ta' €105,100

4.3.5

Mill-previżjonijiet għas-sena 2017, jidher li l-Kunsill se jagħmel nefqa kif ġej:

- **Parki, Ġonna u *Soft Areas*** - €13,220
- **Manutenzjoni ta' Toroq** - €85,000
- **Immaniġjar tal-Iskart** - €27,400
- **Nefqa għall-Amministrazzjoni** - €177,100
- ***Public Conveniences*** - €21,500
- ***Tipping Fees*** - €12,410
- **Wied iż-Żurrieq** - €10,000
- **Infiq ieħor** - €9,000
- **Bini taċ-Ċentru Ċiviku** - €100,000
- **Manutenzjoni ta' Toroq** - €85,000
- **Immaniġjar tal-Iskart** - €27,400
- **Nefqa għall-Amministrazzjoni** - €177,100
- ***Public Conveniences*** - €21,500
- ***Tipping Fees*** - €12,410
- **Wied iż-Żurrieq** - €10,000
- **Infiq ieħor** - €9,000
- **Bini taċ-Ċentru Ċiviku** - €100,000

Dan kollu jammonta għal nefqa ta' €455,700

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.3.6 Għaldaqstant jidher li matul l-2017 il-Kunsill Lokali mistenni jdaħħal €460,922.52 u jonfoq madwar €455,700. Dan ifisser li se jkun hemm bilanċ ta' €5,222.52.

4.3.7 Mill-previżjonijiet tal-Kunsill Lokali jidher ċar li l-akbar sors ta' ħruġ se jkun fuq erba' setturi importanti ħafna li huma: Manutenzjoni ta' Toroq, Immaniġjar tal-Iskart, in-Nefqa għall-Amministrazzjoni u l-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid.

i. Dwar il-ħruġ għall-Manutenzjoni ta' Toroq, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed joħroġ 5% oħra mill-ispiża totali tal-*Public Private Partnership* biex ingħata wiċċ ġdid ta' tarmak fi Triq San Mattew (parti) u Triq Ħaġar Qim. Issa wasalna għall-aħħar żewġ pagamenti ta' dan il-proġett kbir u allura dik l-ispiża l-kbira li kellu jħallas il-Kunsill Lokali ftit tas-snin ilu issa ttaffiet.

   Għaldaqstant, fl-2017 se nkunu qegħdin inkomplu nirkupraw mill-aspett finanzjarju fuq din is-sezzjoni u wieħed irid jikkunsidra jekk il-Kunsill Lokali jidħolx għal proġett fejn isiru toroq fiż-żoni rurali minn fondi tal-Unjoni Ewropea, fejn il-Kunsill Lokali jkollu joħroġ bejn 10–20% tal-ispiża. Meta toħroġ l-iskema l-Kunsill Lokali jagħmel l-evalwazzjonijiet tiegħu u jiddeċiedi jekk jidħolx għal proġett simili jew le.

ii. L-Immaniġġjar tal-Iskart huwa settur li l-Kunsill Lokali għandu ħafna għal qalbu u dan sabiex Il-Qrendi jkun wieħed mill-aqwa rħula ta' pajjiżna fejn jidħol l-immaniġġjar tal-iskart. Jidher li għalkemm il-Kunsill Lokali qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex ir-raħal ikun miżmum nadif ħafna, għad hemm nies li b'nuqqa ta' responsabilita' jaqbdu u joħorġu l-iskart tagħhom barra f'ħinijiet u ġranet fejn mhuwiex suppost, u min-naħa tagħna qegħdin nagħmlu dak kollu possibbli biex din is-sitwazzjoni ma tibqax isseħħ.

iii. In-nefqa għall-amministrazzjoni hija nefqa bżonnjuża għax permezz tagħha l-Kunsill Lokali jibqa' għaddej bil-ħidma kbira tiegħu b'risq ir-residenti. Meta qegħdin insemmu n-nefqa għall-amministrazzjoni m'aħniex nirreferu biss għall-pagi tal-ħaddiema, imma nfiq ieħor li l-Kunsill Lokali jkollu bżonn

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jagħmel sabiex l-uffiċċju u l-operat tal-Kunsill jibqgħu għaddejjin bla tfixkil ta' xejn. Għalkemm in-nefqa hija kbira, il-Kunsill Lokali xorta jonfoq b'attenzjoni sabiex fejn nistgħu niffrankaw xi flus, nagħmluh bl-aħjar mod filwaqt li l-operat tal-Kunsill Lokali jibqa' għaddej b'mod normali.

iv. Il-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid huwa mistenni jibda fix-xhur li ġejjin u fil-preżent għandna ftehim mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li matul din is-sena rridu minn tal-inqas nonfqu mal-€75,000 sabiex nibqgħu nibbenefikaw mill-iskema tal-Proġetti Kapitali. Bħala Kunsill Lokali qegħdin nipproġettaw li nonfqu madwar €100,000 u nittamaw li ġaladarba joħorġu s-sejħiet għall-offerti ma jkollniex problemi wara li jiġu aġġudikati sabiex ix-xogħol ikun jista' jibda mill-aktar fis possibbli. Minbarra l-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid hemm ukoll it-tisbiħ jew kważi bini mill-ġdid tal-*playing field* ta' Ġnien Nicolò Communet, fejn dan se jkun proġett wieħed ħolistiku.
Barra dan il-Kunsill Lokali qiegħed iżomm f'moħħu li matul l-2017 irid isir il-bini ta' kmajra li se tkun installatha fiha l-ATM. Għalkemm s'issa għad m'għandniex kwotazzjonijiet fuq kemm tista' tiġi tiswa din il-kmajra, minn informazzjoni li ġbarna jidher li tiġi tiswina madwar €13,000, u li dawn ukoll se jkunu parti min-nefqa tal-Kunsill Lokali matul l-2017.

4.3.8 Il-Kunsill Lokali qiegħed iħares lejn is-sena 2017 bħala sena oħra ta' sfidi finanzjarji. Dawn huma sfidi li qegħdin iqumu ta' kull sena quddiem il-Kunsill Lokali, imma b'għaqal u determinazzjoni, il-Kunsill Lokali qiegħed jirnexxielu jżomm in-nefqa stabbli, tant li qegħdin nispiċċaw is-sena b'bilanċ. Fadal ħafna x'isir u qegħdin nistennew li matul is-sena 2017 il-Kunsill Lokali jieħu xi ftit ta' daqqa finanzjarja, għalkemm minn dak li qegħdin niproġettaw jidher li xorta waħda se nispiċċaw b'bilanċ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 4.4 SUĠĠERIMENTI U ILMENTI MILL-PUBBLIKU

4.4.1 Is-Sindku David Schembri stieden lir-residenti preżenti sabiex jgħaddu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom lill-Kunsill Lokali.

4.4.2 Wieħed mir-residenti preżenti staqsa x'se jkun qiegħed idaħħal bħala introjtu l-Kunsill Lokali, ġaladarba se jkun qiegħed iħallas madwar €13,000 sabiex issir il-binja tal-ATM fil-Qrendi.

4.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali mhuwa se jdaħħal xejn, anzi, il-Bank BOV se jkun qiesu qiegħed jagħmel pjaċir lill-istess Kunsill Lokali u lir-residenti Qrendin għax se jinstallaw ATM.

4.4.3 Resident ieħor staqsa fejn se tinbena l-kmajra tal-ATM minħabba li l-Awtorità tal-Ippjanar m'aċċettatx l-ewwel proposta tal-Kunsill Lokali.

4.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li kienet l-Awtorità tal-Ippjanar stess li riedet li l-ATM titpoġġa aktar lura fi Triq Ġużé Cassar, u avolja l-Kunsill Lokali ma qabilx ma' din l-idea, xorta waħda qegħdin inkomplu naħdmu ħalli nġibu l-permessi kemm jista' jkun malajr għaliex nafu kemm għandna bżonnha bħala lokalità.

4.4.4 Resident ieħor ippropona lill-Kunsill Lokali sabiex ġaladarba ssir din l-ATM, issir tabella li tindika lis-sewwieqa sabiex jitfu l-magni tal-vetturi tagħhom malli jinżlu biex jiġbdu l-flus, ħalli ma jkunx hemm tniġġiż żejjed tal-arja.

4.4..4.1 Is-Sindku wieġeb li hemm diversi kondizzjonijiet li l-Kunsill Lokali beħsiebu jżomm magħhom.

4.4.5 Sar intervent minn resident fejn dan qal li għalkemm qegħdin isiru diversi toroq, is-sinjali f'dawn it-toroq donnhom mhumiex qegħdin isiru, u dan qiegħed ikun ta' periklu.

4.4.5.1 Semma' fost l-oħrajn Triq il-Puniċi u qal li din it-triq hija lesta imma għad m'għandiex sinjali u ġiet perikoluża ħafna.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.4.5.2 Is-Sindku wieġeb li suppost is-sinjali għandhom isiru minn Transport Malta l-ewwel darba, u qal li huwa ġie infurmat li suppost se jsiru fil-jiem li ġejjin.

4.4.6 L-istess resident semma' wkoll Triq it-Tempesta u qal li fil-laqgħa annwali tal-lokalità tas-sena ta' qabel kienet saret diskussjoni sħiħa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku f'din it-triq, imma għaddiet sena u baqa' ma sar xejn.

4.4.6.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali ressaq il-proposti kollha għad-diskussjoni quddiem Transport Malta imma s'issa għadna ma smajna xejn dwar dan.

4.4.7 Xi residenti tkellmu dwar is-sinjali fi Triq it-Tempesta, u dawn qalu li jistgħu jiżdiedu, b'mod speċjali tabelli li juru l-*ispeed limit*.

4.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li dwar dawn it-tabelli se nitkellmu ma' Transport Malta għax mill-informazzjoni li għandu l-Kunsill Lokali, jidher li Triq it-Tempesta għandha diversi livelli ta' veloċità.

4.4.8 Residenta staqsiet dwar il-petizzjoni li saret is-sena ta' qabel sabiex ma ssirx roundabout fi Triq it-Tempesta, u speċifikat li kien hemm min anke kellu xi diżabilità u allura jekk jitnaqqsu l-parkeġġi dawn kienu se jiġu affettwati.

4.4.8.1 Is-Sindku wieġeb li fil-preżent il-Kunsill Lokali għadu qed jistenna risposta mingħand Transport Malta u allura nkunu qegħdin ngħaġġlu jekk nibdew nispekulaw x'se jiġri.

4.4.9 Resident tkellem dwar ix-xogħol li qiegħed jagħmel il-Kunsill Lokali fuq il-midja soċjali u qal li spiċċajna l-għira ta' lokalitajiet oħra f'dan il-qasam.

4.4.9.1 Issuġġerixxa li fil-laqgħat tal-lokalità l-*live streaming* jinxtegħel ukoll, u anke tkun għaddejja *live chat* sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom online.

4.4.10 Resident tkellem dwar Triq Dun Nerik Mahoney u qal li f'din it-triq il-bibien ta' barra għadhom bla numri u dan qiegħed jagħmilha diffiċli

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

għall-pustiera.

4.4.10.1 Is-Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin nitkellmu mad-Door Numbering Unit dwar dan il-każ.

4.4.11 L-istess resident tkellem dwar l-aċċess tat-triq, u qal li fil-preżent l-uniku aċċess huwa minn Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro u xtaq ikun jaf jekk hemmx il-ħsieb li xi darba din it-triq tinfetaħ.

4.4.11.1 Żied li mhux l-ewwel darba li jkun hemm karozzi pparkjati ħażin u allura jkun aktar diffiċli sabiex wieħed jaċċessa t-triq.

4.4.11.2 Is-Sindku wieġeb li dwar Triq Dun Nerik Mahoney qegħdin nitkellmu mad-Dipartiment tal-Artijiet, imma huwa l-Gvern Ċentrali li jrid jagħmel espropriazzjoni ta' din it-triq sabiex tinfetaħ.

4.4.12 L-istess resident tkellem ukoll dwar żewġ munzelli li hemm faċċata ta' Triq Dun Nerik Mahoney u staqsa jekk dawn jistgħux jitneħħew.

4.4.12.1 Is-Sindku wieġeb li fejn qegħdin il-munzelli jagħmel mal-Imqabba u allura l-Kunsill Lokali tal-Qrendi m'għandu l-ebda dritt ineħħiehom.

4.4.13 Resident tkellem dwar il-mod li bih il-Kunsill Lokali u l-lokalità tal-Qrendi qegħdin ikunu promossi fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni u feraħ lis-Sindku u l-Kunsillieri tax-xogħol kollu li qegħdin jagħmlu.

**Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.**

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **David Schembri**<br>**Sindku** |